# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 5**

**Rikors numru 176/2020/1GM**

**Michael Debarro u Monica Debarro**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. L-Avukat tal-Istat (appellant) appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-11 ta' Frar 2021 li biha kkundannatu jħallas is-somma ta' tnejn u erbgħin elf mija u erba' u erbgħin euro (€42,144) minħabba dewmien mhux raġonevoli fil-kawża Maria Dolores Falzon v. Monica Debarro et (Appell 526/2000) deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ġunju 2019, u proprjament minn dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti llikwidat is-

somma ta' €39,144 bħala imgħax mill-20 ta' Marzu 2000 sas-17 ta' Ġunju 2019.

2. Il-fatti huma spjegati fis-sentenza appellata:

*"Fl-20 ta' Marzu 2000, ġiet intavolata kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra r-rikorrenti, fl-ismijiet Falzon Maria Dolores kontra Monica Debarro et, per Onor. Imħallef Raymond Pace LL.D, ċitazzjoni numru 526/2000. L-attriċi talbet dikjarazzjoni li kellha titlu ta' kera fuq fond ġewwa Ħal Qormi u kundanna lill- konvenuti (ir-rikorrenti u Zebbug Company Limited għal kull interess li seta' kellha) għall-ħlas ta' Lm30,000 minnhom perċepiti b'mod frawdolenti taħt pretenzjonijiet foloz a skapitu tagħha bl-imgħax mid-data tal-preżentata taċ- ċitazzjoni sad-data tal-ħlas effettiv.*

*L-ewwel dehra kienet fil-5 ta' Mejju tas-sena 2000. Fis-26 ta' Jannar 2001, mietet l-attriċi. B'digriet tal-1 t'Ottubru 2001, l-atti tal- kawża ġew trasfużi f'isem Catherine sive Rina Mifsud. Waqt is-smigħ ta' din il-kawża, kien hemm diversi tibdil fil-ġudikanti li ppresedew fuq din il-kawża.*

*Il-provi tal-attriċi ġew iddikjarati magħluqa fis-seduta tat-25 ta' Settembru 2003. Sa dakinhar kienu jsiru seduti regolari bejn wieħed u ieħor kull xahrejn u l-attriċi ressqet għadd ta' xhieda u dokumenti prattikament f'kull seduta u anke fir- reġistru bejn seduta u oħra.*

*Il-provi tal-konvenuta ġew iddikjarati magħluqa fid-19 t'Ottubru 2006. Bejn l- għeluq tal-provi tal-atturi u dawk tal-konvenuti saru għadd ta' seduti li fihom il- konvenuti ressqu l-provi tagħhom b'mod regolari, kultant bil-mezz tal-affidavit; u ppreżentaw għadd ta' dokumenti.*

*Il-partijiet ippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fis-seduta tat-8 ta' Frar 2007 għamlu t-trattazzjonijiet finali tagħhom bil-fomm u l-kawża tħalliet għas- sentenza għall-31 ta' Mejju 2007.*

*Minn din il-ġurnata 'l quddiem, is-seduti baqgħu jiġu differti, jew minħabba l-fatt li l-Imħallef sedenti kien indispost, jew minħabba l-fatt li l-Qorti riedet aktar żmien sabiex tagħti s-sentenza jew sempliċiment differita fuq ordni tal-Qorti.*

*Fis-27 ta' Frar tas-sena 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Imħallef Lorraine Schembri Orland ippronunzjat is-sentenza b'eżitu favur il-konvenuti billi ddikjarat li l-attriċi ma kellhiex interess ġuridiku.*

*Mill-ewwel differiment sad-data tas-sentenza din il-kawża ġiet differita 19-il darba. Is-sentenza ingħatat 6 snin, xahrejn u 15-il ġurnata wara li l-kawża tħalliet għas-sentenza.*

*L-attriċi appellat mis-sentenza. L-appell ġie appuntat għas-smigħ 3 snin, 8 xhur u 19-il-ġurnata wara li l-attriċi ntavolat ir-rikors tal-appell. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju tas-sena 2019, il-partijiet tramite l-avukati tagħhom trattaw l-appell, u l- Qorti tal-Appell ħalliet l-appell għas-sentenza għall-31 ta' Mejju 2019. Fis-17 ta' Ġunju 2019 ingħatat is-sentenza. Il-Qorti tal-Appell Superjuri laqgħet l-appell tal-attriċi, u b'hekk ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti u ordnat lill-konvenuti konjuġi Debarro sabiex iħallsu lill-eredi tal-attriċi s-somma ta' €34,950 (Lm15,000 iġifieri nofs il-kapital mitlub) bl-imgħaxijiet kif mitluba, u ċioe` mill-20 ta' Marzu tas-sena 2000 sad-data tal-ħlas effettiv.*

*B'kollox din il-kawża ħadet 19-il sena u 18-il-ġurnata sabiex tgħaddi in ġudikat".*

3. It-talbiet fir-rikors promotur li bih l-appellanti bdew il-kawża jaqraw:

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, hekk kif protett mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħhom li damet 19-il sena u 18-il ġurnata;*

*2. Tillikwida ammont ta' danni pekunjarji u non pekunjarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq; u*

*3. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata".*

4. Bis-sentenza tal-11 ta' Frar 2021 l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*"Għal dawn il-motivi, l-Qorti*

***1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara** li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonjevoli, hekk kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ġew vjolati bid-dewmien tal-kawża ċivili fil-konfront tagħhom li damet 19-il sena u 18-il ġurnata.*

***2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida** ammont ta' danni pekunarji u non-pekunarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq fis-somma komplessiva ta' €42,144, imqassma kif fuq ingħad.*

***3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat"*.

5. B'rikors preżentat fit-2 ta' Marzu 2021 l-Avukat tal-Istat appella mis-sentenza. Fit-12 ta' Mejju 2021 il-konvenuti ppreżentaw tweġiba.

6. Il-parti tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata li hi rilevanti għall-finijiet tal-appell tal-Avukat tal-Istat, taqra hekk:

*"Raġunament li jaqbel mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni tagħna li ma jagħmlu l-ebda restrizzjoni fuq l-għoti ta' danni materjali f'kawżi ta' din ix-xorta, purke` jkun hemm ness bejn il-vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali u l-istess danni. Fejn il-liġi hija ċara, m'għandhiex tkun soġġetta għal interpretazzjoni; partikolarment mhux interpretazzjoni restrittiva. Dan mhux biss b'applikazzjoni ta' għadd ta' prinċipji antiki u ben stabbiliti, fosthom li ubi lex voluit, dixit, dak tar-restitutio in integrum, u ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus, imma wkoll skont id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni fuq imsemmija kif ukoll l-orjentament tas-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu. Fl-aħħar mill-aħħar, hija l-liġi, u l-interpretazzjoni ġusta tagħha skont il-prinċipji ermenewtiċi stabbiliti, li din il-Qorti għandha d-dover li tħares u tapplika, u mhux lejn x'ikunu qalu sentenzi partikolari, anke jekk il-prinċipji fihom enunzjati, speċjalment jekk ikunu ppronunzjati mill-ogħla Qorti ta' pajjiżna, jew mill-Qorti ta' Straburgu, m'għandhomx jiġi skartati leġġerment jew kapriċċożament.*

*Għalhekk ċertament, b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji li huma l-iktar konformi mal-ittra u l-ispirtu tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, ir-rikorrenti għandhom jedd kemm għal kumpens materjali, konsistenti fil-ħlas t'imgħax żejjed li ħallsu, kif ukoll, jekk il-Qorti jidhrilha opportun, għal kumpens għad-danni morali.*

*Ikkunsidrat:*

*Il-kawża in kwistjoni bdiet fl-20 ta' Marzu 2000 u nqatgħet fl-Appell fil-31 ta' Mejju 2019 u ċjoe` damet 19-il sena. L-attriċi għalqet il-provi tagħha wara tlett snin u l-konvenuti damu tlett snin oħra biex għalqu l-provi tagħhom. Inqatghet mill-Prim'Istanza fis-27 ta' Frar 2014 u ċjoe` wara ċirka 14-il sena. Damet fuq 6 snin mill-għeluq tal-provi sakemm ġiet ippronunzjata s-sentenza. Il-Qorti tqis li d-dewmien ta' sitt snin biex jinġabru l-provi mhux ġustifikat. Jaħtu in parti r-rikorrenti li biex ressqu l-provi tagħhom damu 3 snin; daqs kemm damet l-attriċi. Taħti wkoll il-*

*Qorti li ma kellhiex tippermetti li t-tressiq tal-provi jitħalla jitqattar b'dan il-mod. L-istennija ta' tlett snin biex jinqata' l-appell lanqas huwa ġustifikat. Il-kawża kellha tieħu, raġonevolment, 3 snin biex tinqata' fil-Prim'Istanza u sentejn oħra mill-appell. Għalhekk damet ftit iktar minn 14-il sena iżjed milli suppost. Is-sorte li r-rikorrent ġie kkundannat iħallas fil-proċeduri li twalu iktar minn żmien raġonevoli hi ta' €15,000. (€34,950).*

*Imgħax: €34,950 x 8% mill-20.03.2000 sa 17.06.2019 jammonta għal €39,144. Fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti sejra żżid €3,000 danni morali. Total: €42,144. Mhix se tillikwida kumpens oltre d-data tas-sentenza finali billi minn din id-data r-rikorrenti messhom ħallsu dak dovut minnhom".*

<u>Konsiderazzjoni.</u>

7. L-Avukat tal-Istat jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti llikwidat is-somma ta' €39,114 bħala danni materjali li jikkonsistu f'imgħax bir-rata ta' 8% minħabba dewmien eżaġerat li seħħ matul il-perjodu mill-20 ta' Marzu 2000 sas-17 ta' Ġunju 2019. Dan peress li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Ġunju 2019 ikkundannat lill-konvenuti Debarro sabiex iħallsu lill-attriċi s-somma ta' €34,950 flimkien mal-imgħax kif mitlub. Fiċ-ċitazzjoni l-imgħax mitlub kien mid-data tal-preżentata, li l-Qorti qiegħda tifhem li kienet id-data li fiha l-attriċi ippreżentat il-kawża (20 ta' Marzu 2000). Għalhekk l-ewwel Qorti llikwidat l-imgħax mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni sad-data tas-sentenza finali li tat il-Qorti tal-Appell, pero` fuq perjodu ta' erbatax-il sena.

8. L-Avukat tal-Istat żied li:

i. Fl-ebda parti tal-proċeduri ma qalu li qegħdin jitolbu l-imgħax minħabba l-kawża li tilfu. Ma saret l-ebda talba f'dak is-sens fir-rikors promotur;

ii. Fis-sentenzi li għamlet referenza għalihom l-ewwel Qorti, fl-ebda waħda minnhom ma qalet li f'kawża kostituzzjonali dwar dewmien mhux raġonevoli fi proċeduri, għandu jingħata kumpens li jirrifletti l-imgħax. Żied li l-ewwel Qorti aċċettat li fl-ebda kawża li għamlet referenza għaliha ma ngħata kumpens għad-danni materjali u wisq inqas ma ngħata kumpens għat-telf ta' imgħax;

iii. L-ewwel Qorti m'għamlitx sew li tefgħet ir-responsabbilta` tad-dewmien kollu fuq l-Istat jew il-Qrati. Matul dawk id-dsatax-il sena mhux il-qrati biss naqsu. Kien hemm dewmien min-naħa tal-appellati stess. Il-partijiet ħadu kważi seba' snin biex ressqu l-provi u għamlu s-sottomissjonijiet. Il-kawża bdiet bl-ewwel dehra fl-4 ta' Mejju 2000 u tħalliet għas-sentenza fit-8 ta' Frar 2007.

iv. L-ewwel Qorti kellha tillimita l-kumpens għal €3000 bħala danni morali.

9. M'hemmx kontestazzjoni min-naħa tal-Avukat tal-Istat li f'dan il-każ kien hemm dewmien mhux raġonevoli. Perjodu ta' dsatax-il sena sabiex

tinstema' u tkun deċiża kawża dwar kreditu, hi fiha nnifisha prova ta' dewmien eżaġerat. Il-Qorti rat l-atti tal-kawża u m'għandha l-ebda dubju li l-każ ma kienx wieħed ikkumplikat. Dan apparti li ma jirriżultax li kien hemm xi kwantita` ta' provi li setgħu jiġġustifikaw dak id-dewmien. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva kif:

i. Il-kawża kienet titratta dwar pretensjoni tal-attriċi li hi inkwilina ta' fond f'Ħal-Qormi, u ppretendiet li kellha titħallas s-somma ta' Lm30,000 li s-soċjeta` konvenuta Zebbug Company Limited ħallset lill-konvenuti sabiex irrinunzjaw għal-lokazzjoni li qalu li kellhom fuq il-fond. Min-naħa tagħhom il-konvenuti Debarro oġġezzjonaw għat-talba peress li argumentaw li l-attriċi ma kinitx inkwilina tal-fond billi ma kinitx baqgħet tgħix fil-fond. Il-kwistjoni kollha kienet dwar jekk l-attriċi Falzon kinitx inkwilina jew le. Filwaqt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma kinitx, il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li kienet ko-inkwilina mal-konvenuta Debarro u għaldaqstant kellha jedd għal nofs is-somma mitluba. Kwistjoni dwar provi u fil-kawża ma kien hemm l-ebda punt ta' fatt jew ta' liġi li jista' jiġi deskritt bħala kumpless;

ii. In-numru ta' xhieda li nstemgħu tul is-snin kollha li l-kawża damet pendenti ma kienx iktar minn ħdax-il persuna.

10. Għal dak li hu dewmien żejjed, biżżejjed jissemma kif:

i. Fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2006 il-partijiet iddikjaraw li m’għandhomx iktar provi xi jressqu u ingħataw żmien sabiex jippreżentaw noti ta’ sottomissjonijiet. Il-kawża kienet differita għas-seduta tat-8 ta’ Frar 2007 sabiex il-partijiet jippreżentaw in-nota ta’ sottomissjonijiet rispettivi tagħhom. Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-31 ta’ Mejju 2007. Il-Qorti Ċivili, Prim’Awla tat is-sentenza fis-seduta tas-27 ta’ Frar 2014, iġifieri kważi seba’ snin wara. Mill-atti ma tirriżultax xi raġuni li b’xi mod setgħet tiġġustifika dak id-dewmien eżaġerat.

ii. L-attriċi fil-kawża 526/2000 appellat b’rikors li ppreżentat fl-14 ta’ Marzu 2014. L-appell kien appuntat għas-smigħ fit-3 ta’ Diċembru 2018, jiġifieri iktar minn erba’ snin wara li l-attriċi ippreżentat ir-rikors tal-appell. Sitwazzjoni oħra ta’ dewmien mhux raġonevoli, jekk mhux għall-perjodu kollu għall-parti kbira minnu.

11. Ovvjament m’huwiex possibbli li kawża tiġi deċiża dakinhar stess li tkun preżentata. Biss biss hemm il-perjodu li fih il-konjuġi Debarro

(konvenuti fil-kawża 526/2000) kellhom jiġu notifikati biċ-ċitazzjoni u l-avviż ta' smigħ u jwieġbu. Min-natura tal-eċċezzjonijiet li taw l-istess rikorrenti, hu evidenti li ma kienx possibbli li l-kawża tkun deċiża mil-lum għall-għada. Kien hemm bżonn ta' perjodu ta' żmien, sabiex kull parti tressaq il-provi u l-Qorti tagħti s-sentenza. Hekk per eżempju:

i. Ftit xhur wara li l-attriċi ppreżentat il-kawża, mietet. Fit-2 ta' Frar 2001 Catherine Mifsud ippreżentat rikors sabiex issir it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isimha sabiex tkompli l-kawża minflok l-attriċi Falzon. Proċedura li kellha ssir biex jitkompla s-smigħ tal-kawża.

ii. Il-perjodu meħtieġ għall-provi tal-atturi. L-ewwel prova li ressqet l-attriċi kien affidavit ta' Carmelo Mifsud fit-30 ta' April 2001.

iii. Il-konvenuti damu iktar minn sentejn (mis-seduta tal-25 ta' Settembru 2003 sas-16 ta' Mejju 2006) iressqu l-provi u ma jidhirx li kellhom wisq għaġla. Biżżejjed jissemma li fl-10 ta' April 2006 ippreżentaw affidavit ta' ċertu Carmel Formosa;

iv. Fid-19 ta' Ottubru 2006 il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi u d-difensuri tal-partijiet talbu li t-trattazzjoni issir bil-miktub. Ir-rikorrenti Debarro ngħataw sal-31 ta' Jannar 2007 u l-kawża kienet differita għas-seduta tat-8 ta' Frar

2007. Għalkemm kienu ingħalqu l-provi, fit-8 ta' Frar 2007 il-konvenuti kienu għadhom jippreżentaw dokumenti.

v. Mid-data tal-ewwel smigħ tal-appell (3 ta' Diċembru 2018) sad-data tas-sentenza (17 ta' Ġunju 2019) għaddew kważi seba' xhur, li ma jistax jingħad li hu perjodu mhux raġonevoli meta tqis li l-Qorti tal-Appell kellha teżamina l-provi li kien hemm fl-atti u tikkunsidra l-argumenti kollha li saru quddiem l-ewwel Qorti;

12. Matul dawk il-perjodi ma jirriżultax li r-rikorrenti qatt ilmentaw mal-Qorti li ma kienx qiegħed isir progress fil-kawża u li b'xi mod kienu qegħdin jiġu ppreġudikati. Kull parti ħadet u ngħatat iż-żmien li kellha bżonn biex tippreżenta bl-aħjar mod il-każ tagħha, u l-parti l-oħra ma ilmentatx.

13. Fil-fatt l-ewwel Qorti stess ikkonkludiet li, *"Il-kawża kellha tieħu, raġonevolment 3 snin biex tinqata' fil-prim'istanza u sentejn oħra mill-appell"*. A bażi ta' dik il-konklużjoni l-ewwel Qorti llikwidat kumpens pekunjarju ta' €39144 li hu bbażat fuq kapital ta' €34,950 li b'imgħax ta' 8% għal erbatax-il sena jammonta għal €39,144. Is-somma li llikwidat l-ewwel Qorti bħala kumpens pekunjarju. Għalhekk, għalkemm l-ewwel Qorti fil-kalkolu li għamlet semmiet il-perjodu "20.03.2000 sa 17.06.2019", mir-raġunament li għamlet hu altru milli evidenti li ma ddeċiditx li dak il-

perjodu kollu kien hemm dewmien mhux raġonevoli iżda li kien hemm perjodi li fih kien hemm dewmien mhux raġonevoli.

14. Wara li l-Qorti qrat l-atti tal-kawża 526/2000 tikkunsidra li perjodu ta' tmien snin biex il-kawża tkun deċiża f'kull stadju bħala iktar raġonevoli mill-perjodu ta' ħames snin li semmiet l-ewwel Qorti. Dan meħud in konsiderazzjoni ż-żmien sakemm il-partijiet kollha kienu notifikati biċ-ċitazzjoni u l-avviż ta' smigħ u ippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet, kemm il-partijiet damu jressqu provi mingħajr ħadd minnhom qatt ma ipprotesta mal-Qorti dwar dewmien, il-perjodu li ngħataw sabiex kull wieħed iressaq nota ta' sottomissjonijiet u ovvjament iż-żmien sabiex l-ewwel Qorti tiddelibera u tagħti s-sentenza, kif ukoll l-istadju tal-appell.

15. Hu veru li idealment kawża ta' din ix-xorta iddum inqas, pero` wieħed irid ikun realistiku. Il-Qorti ma kellhiex quddiemha biss il-kawża li wasslu għal din il-proċedura, u l-partijiet kollha ħadu ż-żmien tagħhom biex iressqu l-provi. Ħadd minnhom ma wera xi urġenza fil-mod kif ressaq il-provi u iktar minn hekk ir-rikorrenti qatt ma ilmentaw dwar ir-ritmu li bih kienet għaddejja l-kawża. Saħansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentaw il-konjuġi Debarro quddiem l-ewwel Qorti ħadu l-posizzjoni li d-dewmien żejjed kien biss fejn ma kien qiegħed isir xejn, ċioe` minn meta kellha tingħata s-sentenza mill-ewwel Qorti (31 ta' Mejju 2007) sad-data li ngħatat is-sentenza (27 ta' Frar 2014), u mid-data tal-preżentata tal-

appell (14 ta' Marzu 2014) sad-data li ġie appuntat l-appell (3 ta' Diċembru 2018). Komplew li mid-dsatax-il sena u tmintax-il ġurnata sabiex ingħatat is-sentenza finali, *"q. ...... kien hemm 9 snin 10 xhur u 34 ġurnata dewmien u lanjanza da parti tal-Qorti Ċivili"*.

16. Għalhekk il-kumpens kellu jiġi kkalkolat fuq perjodu ta' ħdax-il sena. Ġialadarba r-rikorrenti ħarġu telliefa fil-kawża u kienu kundannati jħallsu s-somma ta' €34,950 flimkien mal-imgħax mid-data tal-preżentata ta' ċitazzjoni, ifisser li dak id-dewmien żejjed issarraf f'iktar imgħax li għandhom iħallsu lill-attriċi fil-kawża 526/2000/1. Għalhekk l-appellant m'għandux raġun jargumenta li l-ewwel Qorti kellha tikkudannah iħallas biss kumpens non-pekunjarju. Id-dewmien eżaġerat jista' jwassal għall-ħsara pekunjarja. Fis-sentenza Colin John Morland v. The Advocate General tad-29 ta' Ottubru, 2018 din il-Qorti qalet:

> *"15. With regards to his first argument, this court underlines the fact that in cases where one is alleging that one's right to a fair hearing has been violated because of unreasonably long proceedings, as a rule, the compensation awarded is compensation for moral damages, to make good for the violation of the person's right to a fair hearing, but pecuniary damages may be awarded if these have occurred to applicant.*
>
> *16. This same Constitutional Court, in the case **Gasan Enterprises Ltd v. Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** decided on the 3rd of February 2009 held that:*
>
> *"Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-Artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f' danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża".*

*17. Also in the case* ***Francis Said v. L-Avukat Ġenerali*** *decided (also) on the 3rd of February 2009, this same Constitutional Court reiterated that:*

*"...ir-rimedju li tista' tagħti l-Prim' Awla (kif ukoll din il-Qorti) bħala rimedju għad-dewmien jista' jvarja minn sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni, għal danni morali, jew, eċċezzjonalment, anke għal danni materjali".*

17. F'dan il-każ il-pretensjoni hi għall-imgħax żejjed li r-rikorrenti bħala d-debituri tal-attriċi fil-kawża 526/2000 igħidu li sar dovut bis-saħħa tas-sentenza. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Roberta Grech v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-kawża kienet ukoll titratta dwar dewmien mhux raġonevoli f'kawża ċivili li fiha r-rikorrenti kienet ikkundannata tħallas somma flus bl-imgħax. Din il-Qorti qalet:

*"16. Il-fatt illi "ġeneralment" u "bħala regola" l-qrati kostituzzjonali ma jagħtux danni ċivili ma jfissirx li ma jagħtux rimedju sħiħ u biżżejjed, li jinkludi wkoll danni materjali meta l-parti milquta tkun ġarrbet danni materjali b'konsegwenza tal-ksur tad-dritt tagħha.*

*17. Huwa wkoll minnu illi, għallinqas fit-teorija, debitur ma jġarrbx danni materjali meta jkollu jħallas danni moratorji, għax ikun ħa l-benefiċċju tal-użu tal-flus li kellu jagħti għaż-żmien kollu li jkun għadda l-imgħax billi matul dak iż-żmien kellu flus ħaddieħor f'idejh; barra minnhekk, meta eventwalment iħallas id-dejn ikun qiegħed iħallas fi flus li jiswew anqas, minħabba l-inflazzjoni.*

*18. Madankollu, dawn il-konsiderazzjonijiet kellhom piż aktar fi żmien meta d-diskrepanza bejn l-imgħaxijiet moratorji – tmienja fil-mija fis- sena (8% p.a.) – u l-imgħaxijiet li jagħtu l-banek – minn xejn (0%) fuq xi kontijiet ta' tifdil sa tnejn fil-mija fis-sena (2% p.a.) fuq kontijiet marbuta għal ħames snin – ma kinitx daqstant drastika daqskemm hija llum. Tassew illi l-attriċi tallum ħadet xi benefiċċju talli żammet flus il-kreditur tagħha f'idejha, għax li kieku kellha tissellef dik is-somma mill-bank kien ikollha tintrabat b'garanziji u ipoteki u kienet tħallas imgħax ogħla minn kemm jagħti l-bank li kieku tissellef mingħandu flok tiddepożita għandu, għalkemm ir-rata ta' mgħax fuq self xorta hija anqas mir-rata tal-imgħax moratorju.*

> *19. Għalhekk, għalkemm huwa minnu illi l-attriċi ħadet benefiċċju talli damet sakemm inqatgħet il-kawża biex ħallset dejnha, dan il-bene- fiċċju ma jpattix għalkollox għad-dannu li ġarrbet talli kellha tħallas l-imgħaxijiet moratorji. Għamlet sew għalhekk l-ewwel qorti li qieset ukoll il-fatt li l-attriċi kellha tħallas mgħaxijiet moratorji ..........".*

18. Fil-każ tal-lum ir-rikorrenti kienu debituri ta' Falzon fis-somma ta' Lm15,000 li skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża 526/2000 kienu irċevew mingħajr jedd qabel l-attriċi ippreżentat il-kawża. M'huwiex magħruf ir-rikorrenti x'għamlu b'dawk il-flus, pero` ovvjament kienu jafu sa mill-bidunett li l-kawża setgħet tinqata' kontra tagħhom. Ċertament li ħadu wkoll benefiċċju għaliex il-valur ta' €34,950 fl-1999 ma baqax l-istess fis-sena 2019, ċioe` dsatax-il sena wara. Is-somma ta' €34,950 li r-rikorrenti ġew kundannati jħallsu fl-2019 bħala *sorte*, fis-sena 1999 kienet tiswa €23,714 (maħduma fuq ir-rata ta' inflazzjoni pubblikata fl-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158)). Fattur li għandu jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' kumpens, ġialadarba kienu l-appellati li gawdew il-benefiċċju fit-tnaqqis tal-valur tas-somma kapitali għal dik li kienet meta rċevewha. Dan apparti li sa mis-sena 1999 il-flus setgħu investewhom u għamlu qligħ minnhom, irrispettivament hux b'depożitu f'kont bankarju jew per eżempju *bonds* tal-Gvern.

19. F'affidavit ir-rikorrent (fol. 15) qal li minħabba s-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2019 *"... kellna nħallsu lura s-somma kif ukoll l-interessi mill-20 ta' Marzu tas-sena 2000"*. Ir-rikorrenti ma ressqux prova li tikkorrabora dak

li xehed ir-rikorrent, bħal per eżempju riċevuta tal-ħlas. Saħansitra, fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentaw fl-ewwel Qorti taw wieħed x'jifhem li l-ħlas għadu ma sarx (ara paragrafu 's' u paragrafu 2 tal-parti tan-nota intestata *'B.2. Danni sofferti mill-esponenti Michael u Monica konjuġi Debarro'*).

20. Il-Qorti żżid li fuq domanda li saret waqt is-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021, l-appellant iddikjara li fadal dejn ta' €45,000 li jinkludi fih l-imgħax. Mela għalkemm is-sentenza finali ngħatat mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ġunju 2019, iktar minn tliet snin wara l-appellanti għadhom ma ħallsux id-dejn kollu. Wieħed jista' jitħajjar jargumenta li rrispettivament mis-snin kemm damet il-kawża, ir-rikorrenti xorta għadhom ma ħallsux id-dejn. Il-Qorti qiegħda tifhem li għadhom lanqas bdew iħallsu l-kapital. Madankollu fl-atti m'hemmx provi dwar it-total ta' pagamenti li saru minn meta s-sentenza tal-Qorti tal-Appell saret ġudikat u meta saru. Għalhekk ma tistax tikkonkludi li rrispettivament kemm damet il-kawża, ir-rikorrenti xorta ma kinux ser iħallsu id-dejn. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li l-imgħax li beda jiddekorri kien kważi €2800 fis-sena.

21. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ser tillikwida kumpens pekunjarju għall-perjodu ta' ħdax-il sena fis-somma ta' ħmistax-il elf euro (€15,000).

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-11 ta' Frar 2021 fis-sens li b'referenza għat-tieni talba tar-rikors promotur, tillikwida d-danni pekunjarji fl-ammont ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) li għandhom jiżdiedu mat-tlett elef ewro (€3,000) li l-ewwel Qorti llikwidat bħala kumpens non-pekunjarju. B'hekk l-ammont li għandu jitħallas lir-rikorrenti hu ta' tmintax-il elf ewro (€18,000). Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr